MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Numru. 266/2006

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit
Spettur Chris Pullicino)

Versus

Tarek Ayari
Saada Sammut

Tarek Ayari ta’ 30 sena mwieled fis-16 ta’ Lulju 1975 ġewwa Tunes, Passaport Tuneżin 2596735 (wara bidla fl-okkju awtorizzata mill-Qorti fit-28 ta’ Marzu 2006 għaliex qabel l-isem kien jidher bħala Fouad Djellal ta’ 26 sena iben Ali u Kheira nee Adridi imwieled Oran nhar it-13 t’Awwissu 1979 mingħajr indirizz fiss u detentur tal-Passaport Alġerin bin-numru 3534155)

u

Saada Sammut ta’ 31 sena bint Mohemmed u Latifa nee Belgasem imwielda Tunes nhar l-10 ta’ Ġunju 1974 residenti Modus Flat 25 Triq l-Alka San Pawl il-Baħar u 4 Astro Flats Triq il-Ħġejjeġ Buġibba detentur tal-Passaport Tuneżin bin-numru P 548411

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Tarek Ayari ta’ 30 sena mwieled fis-16 ta’ Lulju 1975 ġewwa Tunes, Passaport Tuneżin 259735 u mingħajr indirizz fiss

Kif ukoll kontra Saada Sammut ta’ 31 sena bint Mohammed u LAtifa nee Belgasem imwield Tunes bhar l-10 ta’ Ġunju 1974 u residenti Modus Flat 25 Triq l-Alka San Pawl il-BAħar u 4 Astro Flats Triq il-Ħġejjeġ Buġibba detentur tal-Passaport Tuneżin bin-numru P 548411.

Akkużati

2. Talli nhar is-17 ta’ Marzu 2006 għall-ħabta tas-siegħa ta’ wara nofs in-nhar, flimkien ma persuna oħra mhux magħrufa, minn ġewwa l-istabbiliment ‘Zara’ ikkommetew serq ta’ diversi oġġetti fosthom ħwejjeġ liema serq huwa kkwalifikat fil-valur li jeċċedi l-mitt lira Maltija iżda mhux l-elf lira Maltija għad-detriment tal-proprejatarju ta’ l-istabbiliment Zara u /jew persuna/I oħra.

**Fil-konfront ta’ Tarek Ayari biss**

3. Talli fit-18 ta’ Marzu 2006 u fil-jiem ta’ qabel irrifjuta li jagħti jew ta falz lill-Uffiċjal Pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel dmirijietu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolarijtajiet oħra – żiea awtorizzata mill-Qorti fit-28 ta’ Marzu 2006.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali tat-28 ta’ Marzu 2006 sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens ta’ l-imputati sabiex il-

proċeduri jkunu sommarji (28 ta' Marzu 2006 fol.20 u 21), ir-rapport ta' l-inċident (fol.23), l-istqarrijiet ta' l-imputati a fol 26 u 29, u l-kopja tal-video meħud fil-ħanut Zara.

Ikkonsidrat

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fis-17 ta' Maruz 2006 sar rapport fl-għassa minn Malcolm Attard – manager ta' Zara, Tower Road Sliema li s-security guard Jonathan Gilson kien waqqaf żewġt irġiel u mara li x'ħin kienu ħerġin mill-ħanut daqqitilhom l-alarm. Sakemm is-security guard kien qed ikellimhom iż-żewġt irġiel laħqu ħarġu b'żewġ basktijiet f'idejhom u f'dawn il-basktijiet kien hemm l-oġġetti li mħabba fihom daqqet l-alarm. Is-sur Malcolm Attard ippreżenta lill-Pulizija kopja tas-CCTV li fih dehret l-imputata dieħla fiċ-changing room waqt li persuna oħra ta' nazzjonalita' Għarbija kien barra ċ-changing room qed jistenniha.

6. Skond ix-xhieda ta' l-Ispettur Daniel Zammit, x'ħin ħarġet miċ-changing room, l-imputata Saada Sammut dehret titfa' xi affarijiet ġo dan il-basket. Imbagħad qamu u ħarġu minn dik l-area. Fiċ-changing rooms kienu nstabu wkoll xi alarms imqattgħin minn mal-ħwejjeġ. Fil-każ taż-żraben l-alarm tkun biss fis-sole u għalhekk jista' jkun li nsteraq xi żarbun ukoll u kien dan l-oġġett li ttrigerja l-alarm. Teknikament l-alarm tinħaraq meta jgħadduha fuq il-cash permezz ta' l-infrared.

**Stqarrija ta' l-imputata Saada Sammut**

7. L-imputata qalet li ilha Malta sena u li marret fil-ħanut Zara weħidha. Raġel bed jkellimha bil-Malti u hi talbitu jħalliha. Kienet ippruvat qalziet u dan ir-raġel baqa' jdur warajha. Meta ddeċidiet li toħroġ mill-ħanut, dan ħareġ warajha. Is-security talabha terġa' ftit lura. Hi obdietu u imbagħad ħarġet. Hija rat lis-security jfittex fil-basket ta' dan ir-raġel. Barra għamlet xi ħin tħares lejn il-ħanjut biex tara x'ser jiġri u ħarġu żewġt irġiel u reġgħu daħħluha fil-ħanut.

8. Fiċ-changing room kienet daħħlet tlitt iqliezet (fol.27). Hija nnegat li wara li ħarġet miċ-changing room kienet tat xi ħwejjeġ lil raġel li kien bil-qegħda fuq is-sufan u li dan tefagħhom fil-basket. Il-ħwejjeġ kienu f'idejha x-xellugija. Hija ċaħdet ukoll li kellha ftehim ma' dawn l-irġiel biex tixtri l-ħwejjeġ mill-ħanut, joħorġuhomlha bla ma hi tħallas lil tal-ħanut u imbagħad ittihom għoxrin lira. Ċaħdet ukoll li kienet ser tixtri żarbun.

9. Hija kkonfermat li hija  l-istess mara li tidher fil-video hija stess. Baqgħet tiċħad li tat xi ħaġa lir-raġel li kien fuq is-sufan u ċaħdet ukoll li ħadet xi ħwejjeġ.

**Stqarrija ta' Tarek Ayari**

10. Dan qal li hu u ċertu Ahmed, qabel daħlu fil-ħanut ltaqgħu ma' mara li għarafha għax kienet minn Buġibba u kienet l-istess waħda li ra fl-ufficċju tal-Pulizija f'dak il-jum. Qabel daħlu fil-ħanut huma ftehmu ma' din il-amra biex l-affarijiet ittihom lilhom flok tmur tħallas, huma joħorġuhom u minflok tħallas lil tal-ħanut tagħti għoxrin lira Maltija lilhom. Dan ikkonferma li l-ħwejjeġ li riedet tixtri Saada Sammut kienet tathom lilu. Dawn kienu żewġt iqliezet L-affarijiet kien ħariġhom Ahmed waqt li l-imputat qagħad jitkellem mar-raġel tal-bieb. Mill-affarijiet hu ma ħa xejn.

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

11. Oltre l-Ispettur Daniel Zammit u l-istqarrijiet, il-Prosekuzzjoni tellgħet li dawn ix-xhieda.

12. L-ewwel wieħed kien PS 678 Bernard Bunce li kien ħejja r-rapport. Għall-ħabta tas-siegħa tal-jum imsemmi kienu ċemplulu minn Zara ta' tas-Sliema u infurmawh li kien tar l-alarm. Mis-CCTV irriżulta li l-imputata kienet fil-kumpanija ta' żewġt irġiel oħra. Wara li ħarġet miċ-changing room deher li newwlet xi ħaġa lil raġel li kien fuq is-sufan u bdew mexjin flimkien 'il barra. Is-security irnexxielu jżomm lill-imputata biss għaliex l-oħrajn telqu minn fuq il-post.

13. It-tieni xhud kien l-Ispettur Chris Pullicino li ta suċċint ta' x'kien qalilhom Tarek Ayari dwar il-ftehim li kien hemm ma' Saada Sammut dwar il-pjan kif kellhom jinħarġu l-ħwejjeġ mill-ħanut u li lilhom ittihom għoxrin lira Maltija. Saada Sammut baqgħet tinnega li kien hemm xi konnessjoni bejnietha u bejn l-irġiel l-oħra.

14. It-tielet xhud kien Malcom Attard li kkonferma li kienet taret l-alarm u kien sab lis-security guard qed iżomm lil Saada Sammut. Fi-tieni changing room in-naħa tax-xellug sabu tliet tags bin-naħa fejn ikollhom il-prezz magħhom. L-alarm hija inbuilt fis-sole taż-żarbun u allura l-alarm ma jkunx viżibbli. Żewġ tags kienu taż-żraben u waħda tal-ħwejjeġ. Il-prezzijiet kienu : 2 x Lm34.95 u waħda Lm44.95. Dawn jikkorrispondu għal żewġ żraben u blazer tan-nisa. (Total: Lm114.85). Mill-vidjo jidher li l-imputata qed tagħti xi ħaġa lir-raġel li kien bilqegħda fuq is-sufan jistennieha. Jidhru wkoll it-tlieta huma u ħerġin minn ġol-ħanut. Kif iddoqq il-camera jidher is-security jwaqqafhom. Il-mara tidher ħierġa mit-tieni changing room on the left hand side. Kellha wkoll xi ħwejjeġ f'idejha. Huma kienu daħliu fiċ-changing room eżatt wara li telqu l-Pulizija. Kienet is-sales girl li ġibdet l-attenzjoni dwar il-price tags li nstabu fit-tieni changing room.

15. Għal mistoqsija mid-difiża dwar kemm damu biex daħlu fiċ-changing rooms, ix-xhud wieġeb xi ħmistax jew għoxrin minuta. F'idejn l-imputata ma kien instab xejn.

16. Għal mistoqsija oħra mill-avukat difensur ta' Tarek Ayari, ix-xhud qal li l-couch qiegħed eżatt kif toħroġ miċ-changing room. Huwa kompla jgħid hekk:

'Le; imbagħad jidhru flimkien bil-basket f'idejhom ħerġin hu u l-mar u r-raġel ieħor. Bl-istess basket f'idejhom huma u ħerġin minn ġol-ħanut għax l-aħħar camera qegħda eżatt fejn hemm is-security guard.

17. Fir-ri-eżami x-xhud wieġeb li mill-video jidher ċar li qed tnewwel xi ħaġa lill-imputat l-ieħor li qed jiġi mitfugħ f'dan il-basket l-iswed li kien bejn saqajh.

18. Ir-raba’ xhud tal-Prosekuzzjoni kien Jonathan Gilson li qal li kien hemm tliet persuni involuti u li tnejn minnhom kienu preżenti fl-Awla. Malli ħarġu daqq l-alarm u waqqafhom. Għaddew huma l-alarm ma daqqitx. Għadda l-basket u l-alarm daqqet. Baqgħu jehdewh bil-kliem u tnejn minnhom ħarbu. Huwa kien daħħal lill-mara ġewwa u ċemplu lill-Pulizija. Il-basket kien f’idejn wieħed mill-irġiel u qatt ma kien f’idejn is-sinjura Saada Sammut.

19. Il-ħames u s-sitt xhud kienu biss xhieda ta’ l-istqarrijiet.

20. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat ukoll il-video meħud fil-ħanut Zara u li kien hemm ċans għal kulħadd li wieħed jarah.

## Xhieda Difiża

21. Xehdet l-imputata Saada Sammut li qalet li Tarek Ayari kien warajha fil-ħanut. Miegħu kellu ħabib ieħor. Kien Tarek Ayari li qagħad ikellimha. Ma kenitx l-ewwel darba li kellimha għax tarah San Pawl il-Baħar. Hija xehdet li Tarek Ayari u sieħbu qagħdu jduru fil-ħanut u bdew l-affarijiet u rathom jieħdu l-affarijiet. Hija ċaħdet li għaddiet xi affarijiet lil Tarek Ayari. Hija kkonfermat dik il-parti tal-video fejn daħlet tipprova l-ħwejjeġ u reġgħet qalet li ma tat xejn lil Tarek Ayari. F’idha hi kellha tliet qliezet li reġgħet ħalliet fil-ħanut. Mill-ħanut kienet hi li ħarġet l-ewwel u l-alarm ma daqqitx. Din daqqet meta ħareġ Tarek u l-ħabib tiegħu. Is-security kien waqqaf lil Tarek u lill-ħabib tiegħu. Meta fittxewlha ma sabulha xejn.

A fol. 79 il-Prosekuzzjoni staqsiet:

‘Ngħid sew li x’ħin ħriġt miċ-changing room hu kien qed jistenniek barra bil-qegħda fuq is-sufan?

L-imputata: Ma għandux għalfejn jistennieni.

Proskeuzzjoni: Kien qed jistenniek jew le?

L-imputata: Ma n'għaraf x'kien qed jagħmel.

Iżda l-imputata kkonfermat li l-imputat l-ieħor kien fuq is-sufan

Prosekuzzjoni: U x'ħin kien fuq is-sufan inti ersaqt lejh u bdejtu titkellmu u fetaħlek il-basket u tfajt xi ħaġa fil-basket.

L-Imputata: Le Għidtlu tkellimnix u daqshekk.

Prsekuzzjoni: Għidtlu biex ma jkellmekx meta tfajt xi ħaġa fil-basket, qam minn hemm u tlaqtu minn hemm flimkien?

L-imputata: Ma tlaqniex flimkien.'

***L-imputata nnegat ukoll li ħarġet magħhom mill-ħanut. (fol.81)***

**'Le ma ħriġtx magħhom jiena.'**

23. Huma qagħdu jkellmuha u telqet u ħalliethom warajha.

24. Hawn il-Qorti staqsiet: 'Pero' l-mistoqsija kienet dħaltux flimkien fil-ħanut, inti Takek u l-ieħor.

U l-imputata wieġbet: Iva kienu warajja.

25. A fol.82 l-imputata nnegat li kienet kellmithom barra liż-żewġt irġiel l-oħra u a fol.83 qalet li ma kenitx magħhom hi. Meta daħlu fil-ħanut iż-żewġt irġiel l-oħra kellhom basket f'idejhom. L-imputata reġgħet innegat li poġġiet l-affarijiet fil-basket.

26. Ix-xhud l-ieħor tad-Difiża kien Tarek Ayari li nqratlu l-istqarrija li kien għamel u għamel xi korrezzjonijiet żgħar fiha bħal per eżempju (fol.91) fejn oġġezzjoni għall-kliem 'Jiena ġejt Malta biex immur Franza'. Huwa qal li kien ġie Malta b'visa. A fol.93 huwa qal li meta daħlu fil-ħanut kienu daħlu t-tlieta flimkien (fol.93). Huwa xehed ukoll li wara li Saada Sammut ħarġet miċ-changing room għamlet

il-qliezet f'posthom u wara ġie l-Alġerin u għamilhom fil-borża. Waqt li kienu ħarġin mill-ħanut l-Alġerin tah il-borża biex joħroġ biha hu. L-Alġerin tah il-borża u l-mara wkoll tatu l-borża biex joħroġ biha hu. Meta kien ħiereġ bil-basket daqq l-alarm u niżżel il-basket ma' l-art u għajjat lil Saada Sammut biex tmur. Imbagħad ġie Ahmed u ħa l-basket u ħarab jiġri.

27. Fil-kontro-eżami l-imputat ammetta li ma kienx qal il-verita' dwar il-konnotati tiegħu. Dan għamlu minħabba li kien applika għall-permess tax-xogħol u beża' għax ma kellux visa (biex jibqa' Malta) u minħabba l-imputazzjoni tas-serqa. (fol.109) Huwa qal ukoll li meta Saada Sammut daħlet u ppruvat il-ħwejjeġ, ħarġet u poġġiethom f'posthom u kien magħha l-Alġerin. Meta kienu ħarġin qabbdet lilu biex joħroġ bih hu.Meta ħarġet miċ-changing room lilu ma tatu xejn imma ħadet il-basket li kellu f'idu u telqet. Il-qliezet għamlithm f'posthom.

28. Meta reġa' ttella' jixhed in kontro-eżami Tarey Ayari ikkonferma li lil Saada Sammut kien jafha sew, li kienu daħlu fil-ħanut flimkien u li qabel kienu qed jieħdu l-kafe' flimkien u marru l-ħanut Zara flimkien. L-imputat qal li l-affarijiet kienet ħadithom Saada Sammut u kkonferma li l-qliezet kienet reġgħet ħadithom minn fejn poġġiethom, għamlithom ġo basket u tathom lill-imputat biex joħroġ bihom. Saada Sammut ma kenitx marret tħallas.

29. Mid-DVD jirriżulta dan li ġej:

(a) Saada Sammut daħlet fiċ-changing room it-tieni waħda fuq ix-xellug. 12.49.02

(b) Tarek Ayari jidher iħares fin-naħa taċ-changing rooms bil-basket miftuħ
fl-12.49.02.

(ċ) Saada Sammut toħroġ miċ-changing room 12.53.39

(d) 12. 53.40 Jidher il-baskett ta' Tarek Ayari miftuħ, Saada Sammut għandha l-affarijiet f'idha tax-xellug, u b'idha tal-lemin qed twaddab xi ħaġa fil-basket.

(e) !3.00, Iż-żewġ imputati u r-raġel l-ieħor jidhru ħerġin flimkien b'Tarek Ayari jġorr l-istess basket li kellu meta kien fuq is-sufan.

**Trattazzjoni.**

30. L-abbli Prosekutur issottometta li mid-DVD jidher li ż-żewġ imputati u t-tielet persuna li għadha ma nqabditx jidhru qegħdin flimkien. Jidher ukoll li l-imputata Saada Sammut qed tpoġġi xi ħaġa fil-basket. Il-Prosekutur irrefera wkoll għal dak li qal wieħed mill-imputati dwar kif svolġa l-inċident kollu. Barra dan mill-provi jirriżulta li Tarek Ayari kien ta dettalji foloz lill-Pulizija.

31. L-abbli difensur ta' Tarek Ayari ssottometta li l-ewwelnett kien meħtieġ il-korrobazzjoni tax-xhieda mogħtija minn Saada Sammut (u viċi versa) għax dawn kienu ko-imputati. It-tieni problema legali hija dwar element li sibu fid-difenizzjoni ta' serq skond il-Carrara. Dan l-element huwa l-lukru. Fil-ħaż ta' Tarek Ayari dan l-element, skond id-difensur, huwa nieqes. Dwar li Tarek Ayari naqas li jagħti l-konnotati tiegħu, l-abbli difensur qal li l-imputat kien ta raġuni tajba għala ma kienx qal min hu eżatt.

32. L-abbli difensur ta' Saada Sammut issottometta li għand l-imputata ma kienu nstabu ebda ħwejjeġ misruqa. Huwa qal ukoll li meta l-imputata ħarġet miċ-changing room kif ukoll wara kellha l-istess numru ta' qliezet f'idha. Il-filmat fl-ebda ħin ma juri li l-ko-imputata għaddiet lill-imputat l-ieħor xi ħaġa. Sammut kienet ukoll xehdet li lill-ko-imputat l-ieħor ma kienet għaddietlu xejn.

Ikkonsidrat

**L-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Tarek Ayari**

33. Jirriżulta mid-DVD li Saada Sammut daħlet fit-tieni changing room tax-xellug fit-12.49 02 u fit-12.53.40 tidher

ħdejn Tarek Ayari twaddab xi ħaġa b'idha **tax-xellug** fid-direzzjoni tal-basket ta' Tarek Ayari. Fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar jidhru ż-żewġ imputati u t-tielet persuna ħerġin prattikament **flimkien** mill-ħanut.

34. Jirriżulta mix-xhieda li nstabu tliet tags (tnejn taż-żraben u waħda ta' ġakketta tan-nisa – ammont Lm114.85) fit-tieni changing room tan-naħa tax-xellug u li dawn nstabu mal-ewwel. (ara fol.43) L-alarm taż-żraben ma jkunux viżibbli għalkemm il-klijent jista' jaħseb li l-alarm qiegħed mal-prezz għaliex dan ikollu sticker li tgħid 'allarmado'.

35. Jirriżulta wkoll li l-Pulizija kienu fil-post xi kwarta biss wara li daqqet l-alarm.

36. Mill-istqarrija ta' Tarek Ayari jirriżulta li Saada Sammut tatu żewġt iqliezet, li l-affarijiet ħareġ bihom Ahmed waqt li hu (Tarek Ayari) qagħad jitkellem mar-raġel li kien hemm fil-bieb. Huwa mbagħad telaq għal rasu għax beża' li ser jinqabad. Fix-xhieda tiegħu l-imputat ikkonferma l-istqarrija, ppreċiża xi punti u żied jgħid li qliezet għamluhom fil-borża l-Alġerin u Saada Sammut waqt li l-Alġerin tah il-borża biex joħroġ biha. L-affarijiet kien ħariġhom Ahmed u hu ma ħa xejn. (fol.96)

37. Dwar it-tieni imputazzjoni l-imputat Tarek Ayari ta raġuni għala ma kienx qal il-verita' lill-Pulizija.

38. Id-difiża qalet li jekk il-Qorti tistrieħ fuq dak li qalet l-imputata l-oħra allura trid il-korroborazzjoni. Dan hu skond ma jipprovdi l-artikolu 639 (3) tal-Kap 9 li jgħid li meta f'każ ta' kompliċi l-evidenza tkun ta' xhud wieħed din ma tkunx biżżejjed biex l-imputat jinstab ħati jekk ma ix-xhieda ma tkunx korroborata b'ċirkostanzi oħra. Għalhekk il-Qorti, fil-każ ta' l-imputat Tarek Ayari, mhix sejra tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Saada Sammut għalkemm setgħet tagħmel dan basta jkun hemm ċirkostanzi oħra li jikkorroboraw dak li tkun qalet.

39. Il-Qorti żżid li lanqas m'hi ser tikkonsidra x'qalet Saadi Sammut fl-istqarrija tagħha lill-Pulizija minħabba li l-artikolu 661 tal-Kap 9 jipprovdi :

'Stqarrija ma tistax tittieħed bħala xhieda ħlief kontra l-persuna li jagħmilha u ma tistax tkun ta' preġudizzju kontra persuna oħra.

40. Għalhekk il-Qorti qed tistrieħ prinċiplament fuq dak li qal l-imputat innifsu kemm fl-istqarrija kif ukoll bil-ġurament, id-DVD u time frame li juri d-DVD, u dak li ntqal minn Malcolm Attard u Jonathan Gilson.(Ara fol 51 b'mod partikolari : Għaddew huma ma daqqitx l-alarm. Għaddew il-basket biss u daqq jiġifieri dejjm kien fil-basket l-oġġett.)

41. Minn dak li stqarr l-imputat jidher ċar li ħa parti attiva fis-serqa u li żgur ċaqlaq l-affarijiet minn banda għall-oħra tal-ħanut għaliex daqqet l-alarm huwa u ħiereġ u telaq il-basket biex jieħdu Ahmed.

42. Issa it-teorija tas-serq li jabbraċċjaw il-Qrati tagħna huwa biżżejjed li wieħed iċaqlaq ħaġa minn post għall-ieħor fl-istess kamra biex ikun issodisfa l-ewwel element tad-definizzjoni tal-Carrara. (Ara: Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo: it-tieni parti paġina 232). U dan jidher li sar minn kliem l-imputat stess.

43. Id-difiża ssottomettiet li jonqos element – dak tal-lukru. Bir-rispett kollu l-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni għaliex l-imputat kien jaf sew li kien ser jieħu Lm20 (ukoll jekk flimkien ma' terza persuna) jekk joħroġ l-affarijiet mill-istabbiliment. Għalhekk ma kienx ser joħroġ l-affarijiet mill-istabbiliment ta' Zara għalxejn. Kien ser jiggwadanja. Mela dan l-element jeżisti kif jeżistu l-elementi l-oħra tad-definizzjoni tal-Carrara.

44. Lanqas ma jista' wieħed jgħid li hawn si tratta ta' tenttiv ta' serq għaliex l-imputat ta daqqa t'id biex jiċċaqilqu l-affarijiet ukoll jekk fl-istess post (kif jidher mid-DVD ħiereġ bil-baskett u kif stqarr hu stess li għamel waqt ix-xhieda tiegħu) u għalhekk is-serqa kienet komplita.

45. Żgur mhux argument li għax ma nstabux l-oġġetti allura m'hemmx ir-reat. L-istqarrija nnifisha tispjega tajjeb x'ġara. Mhux legalment preċiż tgħid li kull darba li ma jinstabx l-element materjali allura r-reat jispiċċa. Wieħed jista'jinstab ħati ta' qtil mingħajr qatt ma jinstab il-katavru kif effettivament ġara f'wieħed mill-ġurijiet reċenti. Għaldaqstant il-Qorti mhix taċċetta dan l-argument ukoll.

46. Fuq kollox l-imputat kien manifestament kompliċi fis-serqa ai termini ta' l-artikolu 42 (b)u (d) tal-Kap 9 għax kif stqarr hu stess kien avviċina lill-imputata l-oħra dwar is-serqa u kien il-kustodju tal-basket huwa jittieħed barra l-ħanut sal-mument meta daqq l-alarm.

47. Jibqa' biss ik-kwistjoni ta' l-aggravju dwar l-ammont. Is-sidien taw dan l-ammont bħala Lm114.85. Dan huwa skond il-price tags misjuba fit-tieni kamra tat-tibdil tax-xellug. Il-Qorti qieset il-ħin li għadda bejn meta ħarġet l-imputata l-oħra u meta daqq l-alarm. Dan jammonta għal inqas minn sitt minuti. M'hemmx differenza fil-ħin li tqanqal xi dubju raġonevoli f'moħħ il-Qorti li forsi daħal xi ħadd ieħor. Wara kollox kien huwa u ħiereġ l-imputat li daqqet l-alarm u ma ssemma ebda ħin ieħor fil-viċin wara s-siegħa ta' wara nofs in-nhar tal-jum imsemmi li fih daqqet l-alarm. Jibqa' diffikulta' dwar jekk ħarġux l-affarijiet kollha li tagħhom tneħħiet il-price tag jew le. La daqqet l-alarm, għall-anqas oġġett wieħed jiswa Lm34.95 kien fil-basket kif spjegaw is-sidien dwar it-tags taż-żraben. Għalhekk is-serq ta' par żarbun kien ippruvat żgur. Dan jiġi anqas mill-ammont ta' mitt lira rikjesti mil-Liġi fl-artikolu 267.

48. Għalhekk il-Qorti qed issib li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat fil-livell ta' serq sempliċi u din il-Qorti qed issibu ħati ta' kompliċita' ta' serq ai termini ta' l-artikolu 42(b) u (d) – reat li huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontrih. 284; 285;

49. Dwar it-tieni imputazzjoni din tinsab suffiejentement ippruvata minn dak li stqarr l-imputat stess waqt li kien

qed jixhed bil-ġurament u għaldaqstant il-Proskeuzzjoni ippruvat it-tieni imputazzjoni wkoll u ssibu ħati ai termini ta' la-rtikolu 338(g) u 7(2) tal-Kap 9.

**Fil-konfront ta' Saada Sammut.**

50. Il-Qorti tirreferi għall-paragrafi 38 u 39 dwar il-ħtieġa il-korroborazzjoni f'każ ta' imputat u li l-istqarrijiet huma validi kontra min jagħmilhom biss. Għalhekk il-Qorti mhix ser tistrieħ fuq dak li stqarr u xehed biss l-imputat Tarek Ayari jekk ma jkollhiex ċirkostanzi oħra li jservu ta' provi biex jikkorroboraw dak li qal l-imputat.

51. Il-Qorti tinnota li l-imputata Saada Sammut innegat l-involviment tagħha kemm fl-istqarrija kif ukoll meta xhedet. Iżda bir-rispett kollu lil din l-imputata il-Qorti ma temminhiex. Kienet evażiva f'mistoqsija diretta bħal dik li tidher paġina 79 u 80 u mbagħad fl-istess faċċata (fol 82) fejn l-ewwel tgħid li kienet qed tieħu l-kafe'u qagħdu jkellmuha; imbagħad innegat li kienet kellmithom qabel daħlu fil-ħanut. Meta l-avukat difensur tagħha staqsieha: 'Mela kontu t-tlieta tieħdu l-kafe' (fol 82), fil-fol 83 tirrispondi: 'Le ma kontx magħhom jiena.'

52. Barra dan tgħid li ma ħarġitx magħhom mill-ħanut meta d-DVD juri xort'oħra. Għalhekk, bir-rispett kollu, il-Qorti tikkonkludi li dak li stqarret Saada Sammut, bil-ġurament jew mingħajru, mhux attendibbli

53. Li kieku l-Qorti kellha teskludi għal kollox dak li qal l-imputat l-ieħor Tarek Ayari dwar il-ftehim li kien seħħ, jibqgħu (a) il-fatti kif jidhru fid-DVD ; (b) t-tags li nstabu **wara** li ħarġet din l-imputata mit-tieni kamra tat-tibdil in-naħa tax-xellug; (ċ) ir-rabta taż-żmien li l-Qorti diġa' aċċenat għaliha bejn meta ħarġet l-imputata mit-tieni kamra tat-tibdil in-naħa tax-xellug sakemm daqqet l-alarm – **sitt minuti biss.**

54. L-imputata fix-xhieda tagħha qalet diversi drabi li lill-imputat l-ieħor ma waddbitlu xejn fil-basket. L-avukat difensur aċċenna li f'id l-imputata kien hemm l-istess

numru ta’ qliezet. Iżda dan kien fl-id ix-xellugija. Fid-DVD id il-leminija tidher li qed twaddab xi ħaġa fil-baskett miftuħ ta’ Tarek Ayari. L-avukat difensur issottometta wkoll li għand l-imputata ma nstabux ħwejjeġ misruqa. Iżda l-fatt li f’id l-imputata jew f’xi basket tagħha ma nstab xejn ma jfissirx li ma kellhiex parti f’din is-serqa. Il-Qorti ma setgħetx temmen il-verżjoni ta’ l-imputata meta qalet li ma kenitx taf li l-imputat kien qed jistenniha fuq is-sufan meta dan jidher iħares fid-direzzjoni taċ-changing room sekonda biss qabel ma l-imputata waqfet ħdejh u mexa magħha f’temp ta’ sekonda jew tnejn malli ra lilha. Barra dan l-imputata tidher milwija fl-angolu fid-direzzjoni tiegħu. M’hemmx għalfejn wieħed jinqabad fil-fatt biex jinstab ħati.

55.Evidenza ċirkostanzjali univoka hija biżżejjed bħala prova. L-imputata stess għarfet lilha nnifisha fid-DVD; hija stess tidher dieħla fit-tieni kamra tax-xellug u ħierġa mit-tieni kamra fuq ix-xellug erba’ minuti wara. Sitt minuti biss wara l-ħruġ (ara dejjem il-ħinijiet fuq id-DVD) daqqet l-alarm u nstabu t-tags. Hemm ukoll kumbinazzjoni oħra meta l-imputata ħarġet fl-istess ħin ma’ l-imputat u l-persuna l-oħra T**kun tisfida l-prinċipji tal-probabilita’ matematika li tiġbed konklużjoni differenti meta l-ħin huwa daqshekk ristrett. Wieħed irid iżomm f’moħħu li dawn il-prinċipji huma validissimi u eżatti daqs it-teorija ta’ Pitagora.** Kienet tkun storja oħra kieku t-tags instabu ħin sewwa wara għax f’kak ikl-każ seta’ daħal ħadd ieħor fl-istess kamra tat-tibdil u allura kien ikun hemm dubju raġonevoli. Iżda dan mhux il-każ. Fuq dan biss il-Qorti hija konvinta li l-imputata Saada Sammut kieent involuta fis-serqa. Fl-aħħarnett, ai termini ta’ l-artikolu 639 (3) tal-kap 9 din l-evidenza kollha għandha titqies bħala dawk iċ-ċirkostanzi oħrajn, rikjesti mit-tali artikolu, li jikkollobraw dak li xehed Tarek Ayari, liema xhieda hija aktar attendibbli minn dik ta’ Saada Sammut. (Ara b’mod partikolari dak li jingħad fl-aħaħr sebat ivrus a fol.94 u fil-bidu ta’ fol.95) Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputata Saada Sammut ‘l hemm minn kull dubju..

56. Dwar l-ammont il-Qorti tirreferi għal dak li qalet fil-paragrafu preċedenti numru 47.

57. Il-Qorti jidhrilha li l-imputata kienet kompliċi f'din is-serqa ai termini ta' l-artikolu 42(b) u (d) tal-Kap 9. Dwar l-element tal-lukru dan jikkonsisti filli wieħed ma jħallas xejn għal dak li jieħu jew iħallas inqas milli suppost. Iċ-ċirkostanzi juru aktar minn tentattiv għaliex is-serqa kienet kompleta.

58. Qabel tgħaddi għas-sentenza, il-Qorti tfakkar li s-serq mill-ħwienet (shoplifting) huwa reat serju kemm Malta kif ukoll barra.

59 Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 42(b)(d), 261(ċ), 267, 281, 285,7(2) u 338(g) (dawn l-aħħar artikoli fil-konfront ta' Tarek Ayari biss) tal-Kap 9 qed issib lil:

(a)Tarek Ayari ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih, bħala kompliċi fir-reat ta' serq fl-ewwel imputazzjoni iżda mhux bl-aggravju ta' l-ammont, reat li huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni, u qed tikkundannah erba' (4) xhur priġunerija għall-ewwel imputazzjoni li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien kollu li l-imputat għadda taħt arrest preventiv; waqt li qed tammonih dwar it-tieni imputazzjoni;

(b) Saada Sammut ħatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontriha bħala kompliċi fis-serqa – reat li huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni, dejjem mingħajr l-aggravju ta' l-ammont - u qed tikkundannaha erba' xhur priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li għaddiet taħt arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------